MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1444/2004

**Joseph Pullicino fil-kwalita` tieghu t'amministratur tal-kondominju tal-Caledonia Tower Sliema**

**Vs**

**Imnaria Ventures Ltd**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm100 (mitt lira Maltin) rapprezentanti ta' "maintenance fees" fil-fond numru 1 formanti parti mill-binja Caledonia Tower.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra s-socjeta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fl-24 ta' Lulju 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fl-20 ta' Settembru 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------